# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Hubert Cini)**

**vs**

**Lawrence Grech**

Il-Qorti rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Lawrence Grech**, li għandu l-karta tal-identita bin-numri 304968M li permezz tagħhom ġie akkużat talli fid-29 ta' Mejju 2015 għall-ħabta ta' 19:15 ġewwa Saint Vincent de Paule ħebbt kontra Alfred Caruana sabiex jinġurjah idejqu jew jagħmillu l-ħsara lilu jew lil ħaddieħor u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali.

Rat id-dokumenti eżebiti;

Semgħet lill-Uffiċjal Prosekutur jiddikjara li fil-mori tal-proċeduri l-parte civile, Alfred Caruana laħaq miet. L-Uffiċjal Prosekutur saħaq li dan kien ix-xhud prinċipali f'dan il-każ stante li l-kumplament tal-provi huma konsegwenti r-rapport li huwa għamel. Huwa ddikjara li l-

Prosekuzzjoni ma kellhiex aktar provi x'tipproduċi f'dan il-każ minbarra dawk prodotti.

Semgħet lill-Avukat Difensur, dott. Franco Debono jiddikjara li l-assistit tiegħu ma kellux provi x'jipproduċi f'dan il-każ.

# *Decide*

li fin-nuqqas ta' provi legalment ammissibbli f'dan il-każ u fin-nuqqas tal-konferma tal-inċident kif seħħ stante li l-parte civile ma laħaqx xehed f'dawn il-proċeduri, il-Qorti qegħda tiddikjara lil Lawrence Grech mhux ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontrih stante li ma ġietx soddisfaċentement ippruvata sal-grad rikjest mill-Liġi u għalhekk tillibera lil Lawrence Grech minn kull ħtija u piena.

***29.ix.2015,***
***Qrati tal-Ġustizzja,***
***Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***